# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 458.08

## REGOLI TAL-KUNSILL MEDIKU DWAR IL-PROĊEDURA BIEX JITĦASSRU L-ISMIJIET

24 ta Diċembru, 1959

*L-AVVIŻ LEGALI 92 ta l-1959, kif emendat: bl-Avviż Legali 2 ta l-1969 u bl-Att XLIX ta l-1981.*

**1.** It-titolu ta dawn ir-Regoli hu Regoli tal-Kunsill Mediku dwar il-Proċedura biex jitħassru l-Ismijiet. Titolu.

**2.** F dawn ir-Regoli - Tifsir. *Emendat: A.L. 2 ta l-1969.*

"akkuża" tfisser akkuża speċifikata f avviż ta inkjesta;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa; Kap. 464.

"avviż ta inkjesta" tfisser dak li tgħid ir-regola 5(1);

"eżerċitant" tfisser tabib, kirurgu-dentista, dentista jew veterinarju reġistrati skond l-Att, u riferenzi għall-eżerċitant, dwar kull kwerela jew rapport jew dwar kull proċeduri, huma riferenzi għall-eżerċitant li kontra tiegħu tkun mibgħuta lill-Kunsill Mediku kwerela jew rapport;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Mediku mwaqqaf bl-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa; Kap. 94.

"President" tfisser il-President tal-Kunsill Mediku u tinkludi, fil-każ ta assenza tal-President minn laqgħa tal-Kunsill, iċ-*chairman* ta dik il-laqgħa;

"reġistratur" tfisser ir-reġistratur tal-Kunsill Mediku maħtur skond id-disposizzionijiet ta l-artikolu 21 ta l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa; Kap. 94.

"reġistru xieraq" tfisser ir-reġistru xieraq għall-finijiet ta l-Att.

**3.** Ebda ordni ma għandu jingħata skond l-Att ħlief minħabba xi inkjesta skond id-disposizzjonijiet ta dawn ir-regoli dwar l-akkuża jew l-akkużi formulati f avviż ta inkjesta notifikat skond l-imsemmija disposizzjonijiet ta dawn ir-regoli lill-persuna li kontra tagħha l-akkuża jew l-akkużi jkunu saru. Ordnijiet skond l-Att.

**4.** (1) Meta - Kwereli u rapporti. *Emendat: XLIX. 1981.4.*

(*a*) kwerela bil-miktub illi eżerċitant ikun ġie dikjarat ħati minn xi qorti f dawn il-Gżejjer ta xi delitt punibbli bi priġunerija għal xi żmien li jkun iżjed minn sena jew ta xi wieħed mid-delitti msemmija fl-artikoli 198 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali tiġi mibgħuta lill-Kunsill minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub illi eżerċitant ikun ġie hekk dikjarat ħati jiġi mibgħut lill-Kunsill minn persuna li jkollha kariga pubblika, jew Kap. 9.

(*b*) kwerela bil-miktub dwar il-kondotta ta eżerċitant tkun ġiet mibgħuta lill-Kunsill minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub dwar il-kondotta ta eżerċitant ikun ġie mibgħut lill-Kunsill minn persuna li jkollha

kariga pubblika, jew

(*ċ*) kwerela bil-miktub illi eżerċitant ma jkunx tajjeb li jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba mard mentali jew fiżiku tiġi mibgħuta lill-Kunsill minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub dwar l-inkapaċità ta eżerċitant li jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija jiġi mibgħut lill-Kunsill minn persuna li jkollha kariga pubblika,

ir-reġistratur għandu jissottometti l-kwerela jew ir-rapport lill-President.

(2) Kwerela li tirriferixxi għal kondotta jew inkapaċità minħabba mard, ma għandhiex titmexxa aktar il quddiem kemm-il darba u sakemm ma tiġix konfermata permezz ta dikjarazzjoni bil-ġurament; u kull dikjarazzjoni -

(*a*) għandha turi l-indirizz u d-deskrizzioni tad-dikjarant, u

(*b*) jekk xi fatt dikjarat ma jkunx jaf bih personalment id-dikjarant, għandha turi l-oriġini ta l-informazzjoni tad-dikjarant u r-raġunijiet għaliex jemmen li l-fatti huma veri.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-sub-regola (2), il-President għandu jordna lir-reġistratur biex jinnotifika lill-eżerċitant li tkun ġiet riċevuta l-kwerela jew ir-rapport, u jgħid is-sustanza tal-kwerela jew rapport u jibgħat lill-eżerċitant kopja ta kull dikjarazzjoni ġuramentata mogħtija skond is-sub-regola (2) u jitlob lill-eżerċitant biex jissottometti lill-Kunsill, egħluq dik id-data li l-President jistabbilixxi, kull spjegazzjoni li l-eżerċitant ikun jista jagħti; u kull spjegazzjoni għandha tkun bil-miktub u għandha tasal għand ir-reġistratur egħluq iż-żmien stabbilit mill-President:

Iżda, safejn kwerela jew rapport jirriferixxi għal kondotta, jekk ma jkunx jidher lill-President li jkun diskutibbli jekk dik il-kondotta tikkostitwix kondotta bla ġieħ f imġieba professjonali huwa għandu jordna lir-registratur biex jirriferixxi dik il-kwerela jew rapport lill-Kunsill jew biex jiddeċidi illi l-kwerela jew rapport ma għandhomx jitmexxew aktar il quddiem jew biex jordna lir-reġistratur li jinnotifika lill-eżerċitant skond id-disposizzjonijiet ta din is-sub-regola.

(4) Bla ħsara għal-disposizzjonijiet li jaħbtu qabel ta din ir-regola, il-President għandu jordna lir-reġistratur biex jibgħat għal inkjesta kwerela jew rapport lill-Kunsill flimkien ma kull spjegazzjoni mogħtija wara mill-eżerċitant u kull dikjarazzjonijiet ġuramentati mogħtija skond is-sub-regola (2).

(5) F din ir-regola l-frażi "persuna li jkollha kariga pubblika" tfisser uffiċjal ta dipartiment tal-gvern jew awtorità pubblika li taġixxi ta hekk, jew kull persuna li jkollha kariga ġudizzjarja jew kull uffiċjal li jkun allokat ma qorti.

Avviż ta inkjesta.

**5.** (1) Kemm jista jkun malajr wara li kwerela jew rapport

ikun ġie mibgħut lill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta qabel u kemm-il darba l-Kunsill ma jkunx sodisfatt għal kollox bl-ispjegazzjoni miktuba ta l-eżerċitant, ir-reġistratur għandu jinnotifika lill-eżerċitant avviż ta inkjesta li għandu -

(*a*) jispeċifika, fil-forma ta akkuża jew akkużi, il-ħwejjeġ li dwarhom l-inkjesta tkun ser issir, u

(*b*) jgħid id-data, il-ħin u l-post li fihom l-inkjesta tkun ser issir.

(2) L-inkjesta ma għandhiex tiġi ffissata għal xi data qabel tmint ijiem wara d-data ta l-avviż ta inkjesta.

(3) Avviż ta inkjesta għandu jkun fil-forma murija fil-Formula A li hemm fl-Iskeda, b dak it-tibdil kif iċ-ċirkostanzi jistgħu jeħtieġu.

(4) Għandha tintbgħat ma kull avviż ta inkjesta kopja ta dawn ir-regoli.

(5) Kopja ta l-avviż ta inkjesta għandha tiġi notifikata lill-kwerelant jew lil min ikun bgħat ir-rapport.

**6.** Il-President għandu jistabbilixxi l-jum u l-ħin għat-tiżmim ta inkjesta skond l-Att. Jum u ħin ta inkjesta.

**7.** (1) Meta qabel is-smigħ ta inkjesta jkun jidher lill-President, jew f kull stadju tas-smigħ ikun jidher lill-Kunsill, illi avviż ta inkjesta jkun difettuż, il-President jew il-Kunsill, skond il-każ, għandu jagħti ordnijiet għall-emenda ta l-avviż kif jidhirlu meħtieġ kemm-il darba, wara li jittieħed kont tal-meriti tal-każ, l-emendi meħtieġa jkunu jistgħu jsiru mingħajr inġustizzja. Avviż difettuż.

(2) Meta fil-fehma tal-President jew tal-Kunsill ikun xieraq, minħabba fl-eżerċizzju minnu tas-setgħat mogħtija bis-sub-regola (1), illi l-inkjesta tkun posposta jew aġġornata, il-President jew il-Kunsill, skond il-każ, għandu jagħti dawk l-ordnijiet għal hekk kif jidhru meħtieġa.

**8.** Il-proċeduri quddiem il-Kunsill huma pubbliċi; iżda l-Kunsill jista , meta jidhirlu xieraq, jordna illi l-proċeduri jsiru fil-privat. Proċeduri fil-pubbliku.

9. (1) Kull membru tal-Kunsill u r-reġistratur għandu jastjeni milli jieħu parti f kull inkjesta jew jista jiġi rikużat f kull waħda miċ-ċirkostanzi li fiha mħallef kien jastjeni jew jista jiġi rikużat skond id-disposizzonijiet ta l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Astensjoni jew rikuża. Kap. 12.

(2) Kull rikuża ma tkunx ammissibbli kemm-il darba ma tkunx magħmula qabel il-qari mir-reġistratur ta l-akkuża jew l-akkużi lill-eżerċitant.

(3) Il-Kunsill għandu jiddeċidi l-oġġezzjoni qabel il-qari ta l-imsemmija akkuża jew akkużi u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

**10.** (1) Kull parti fil-proċeduri quddiem il-Kunsill tista tiġi assistita minn avukat jew prokuratur legali. L-eżerċitant jista jiġi wkoll assistit minn membru tal-professjoni tiegħu, li ismu jkun jidher fir-reġistru xieraq. Assistenza legali u assistenza oħra.

(2) Il-President għandu jġib id-disposizzjonijiet ta din ir-regola għak-konjizzjoni ta kull parti fil-proċeduri li tidher quddiem il-Kunsill mingħajr assistenza.

Qari ta l-akkuża.

**11.** Il-proċeduri dwar l-inkjesta għandhom jibdew bil-qari mir-reġistratur ta l-akkuża. Wara dan il-President għandu jagħmel lill-eżerċitant il-mistoqsija jekk jammettix jew jiċħadx l-akkuża.

Ammissjoni jew ċaħda.

**12.** (1) Jekk l-eżerċitant jammetti l-akkuża l-Kunsill jista , fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddispensa mill-produzzjoni ta xhieda u jgħaddi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu f dik il-ġurnata jew f xi ġurnata oħra ffissata għal dak l-iskop.

(2) Jekk l-eżerċitant jiċħad l-akkuża l-Kunsill għandu jkompli l-inkjesta.

(3) Jekk l-eżerċitant jonqos milli jattendi mingħajr kawża ġusta u l-Kunsill ikun sodisfatt illi avviż ta l-inkjesta kien mibgħut kif meħtieġ b dawn ir-regoli, il-Kunsill jista , jekk jidhirlu xieraq, ikompli l-inkjesta anki fl-assenza tiegħu.

Proċeduri.

**13.** Il-proċeduri dwar inkjesta jkunu dawn li ġejjin:

(*a*) Xhieda b sustenn ta l-akkuża għandhom ikunu prodotti u eżaminati mill-parti li tipproduċihom jew fl-assenza tagħha mill-Kunsill u kontro-eżaminati mill-eżerċitant; wara dan kull membru tal-Kunsill ikun jista jagħmel mistoqsijiet kif jidhirlu meħtieġ.

(*b*) Ix-xhieda tad-difiża għandhom jinstemgħu u f każ li l-eżerċitant jixtieq jagħti x-xiehda tiegħu, jista jagħmel hekk kemm-il darba x-xiehda tiegħu tingħata qabel dik ta kull xhud li jkun ser jiġi prodott minnu. Ix-xhieda għandhom ikunu eżaminati mill-eżerċitant u kontro-eżaminati minn kull parti oħra fil-proċeduri; wara dan kull membru tal-Kunsill ikun jista jagħmel mistoqsijiet kif jidhirlu meħtieġ.

(*ċ*) Meta l-provi kollha jkunu ġew magħmula l-eżerċitant għandu, personalment jew permezz tal-persuna li minnha jkun assistit, jindirizza lill-Kunsill u jagħmel id-difiża tiegħu.

(*d*) Il-Kunsill għandu wara dan jagħti d-deċiżjoni tiegħu f dik il-ġurnata jew f xi ġurnata oħra ffissata għal dak l-iskop.

(*e*) Il-Kunsill ma jkunx prekluż f kull stadju tal-proċeduri sakemm tingħata d-deċiżjoni milli jerġa jisma xi xhud jew jitlob il-produzzjoni ta xi dokumenti.

Akkuża mhux pruvata.

**14.** Fil-każijiet kollha meta l-Kunsill ikun sodisfatt illi l-akkuża ma tkunx ġiet pruvata, il-Kunsill għandu jiddeċidi konformement u għandu jniżżel deċiżjoni illi l-akkuża jew l-akkużi ma ġietx pruvata jew ma ġewx pruvati u illi l-eżerċitant ma jkunx ħati dwar il-ħwejjeġ li għalihom l-akkuża jew l-akkużi tirriferixxi jew jirriferixxu.

**15.** (1) Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jingħataw fil-pubbliku u bil-miktub; għandhom ikunu ffirmati mill-President. *Deċiżjonijiet fil-pubbliku u bil-miktub.*

(2) L-oriġinal għandu jinżamm mir-reġistratur, flimkien man-notamenti kollha ta l-inkjesta.

**16.** Meta skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta qabel ta dawn ir-regoli l-inkjesta tkun differita għal xi laqgħa futura, il-validità tal-proċeduri ta dik il-laqgħa ma għandhiex tiġi attakkata minħabba biss illi membri tal-Kunsill li kienu preżenti fl-ewwel laqgħa ma kienux preżenti fil-laqgħa ta wara jew illi membri tal-Kunsill li kienu preżenti fil-laqgħa ta wara ma kienux preżenti fl-ewwel laqgħa. *Validità ta proċeduri.*

**17.** Ir-reġistratur għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-eżerċitant kopja tad-deċiżjoni tal-Kunsill. *Kopja tad-deċiżjoni.*

**18.** Avviż lil xi persuna biex tidher quddiem il-Kunsill biex tagħti x-xiehda u/jew biex tipproduċi dokumenti għandu jkun skond il-forma murija fil-Formula B li hemm fl-Iskeda. *Formula ta taħrika tax-xhieda.*

**19.** Kull avviż imsemmi f dawn ir-Regoli għandu jkun iffirmat mill-President u notifikat skond id-disposizzjonijiet ta l-artikolu 36 ta l-Att: *Firmar u notifikar ta avviżi.*

Iżda kull avviż maħruġ skond ir-regola 18 għandu jkun notifikat skond id-disposizzjonijiet ta l-artikolu 37 ta l-Att.

**20.** Tkun setgħa tal-Kunsill matul il-proċeduri - *Setgħat tal-Kunsill.*

(*a*) li jżomm il-bon ordni, u

(*b*) li jirregola d-diskussjoni.

**21.** Il-membri tal-Kunsill u r-reġistratur ma għandhom jikxfu ebda ħaġa diskussa mill-Kunsill fil-kors ta inkjesta. *Diskussjonijiet konfidenzjali.*

**22.** Salv kull ħaġ oħra espressament provduta, il-Kunsill għandu jirregola l-proċedura tiegħu. *Proċeduri oħra.*

SKEDA

Regoli 5(3), 18

FORMULA A

Regola 5 (3)

**KUNSILL MEDIKU**

Avviż ta Inkjesta

Lil .................................... (data)

.........................................

Jiena b dan nagħtik avviż illi l-Kunsill Mediku ordna inkjesta biex jikkunsidra u jiddeċidi l-akkuża imputata lilek, jiġifieri ............................................................

Inti qiegħed b dan tiġi nformat illi l-ewwel seduta ta l-imsemmija inkjesta sejra ssir nhar .............................. il-........................ 19 ...... fil-.................... il- ........................

Kopja tar-Regoli tal-Kunsill Mediku dwar il-Proċedura ta Taħsir ta Ismijiet hija annessa biex tagħraf timxi.

Inti mwissi illi n-nuqqas minn naħa tiegħek li tidher mingħajr ma tagħti spjegazzjoni tajba għall-assenza tiegħek ma jipprekludix lill-Kunsill Mediku milli jkompli l-inkjesta anki fl-assenza tiegħek.

President,
Kunsill Mediku

FORMULA B

Regola 18

**KUNSILL MEDIKU**

Avviż lil persuna biex tagħti x-xiehda u/jew biex tipproduċi dokumenti, eċċ.

Lil ................................... (data)

Inti b dan meħtieġ li tattendi quddiem il-Kunsill Mediku nhar ..................... il- ........................ 19 ...... fil- .................. il- ................. u hekk f kull ġurnata oħra li għaliha s-smigħ ikun ġie differit, biex tagħti x-xiehda u/jew biex tipproduċi d-dokumenti li ġejjin .................................... fil-kwistjoni ta inkjesta kontra ......................................

Inti mwissi illi n-nuqqas li tattendi kif inti b dan meħtieġ jirrendik li tista teħel il-penalitajiet preskritti mil-liġi.

President,
Kunsill Mediku